IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 17.11.2010
SEG(2010) 1396 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Prijoritajiet għall-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u lil hinn -
Pjan għal netwerk Ewropew tal-enerġija integrat

Sommarju tal-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

{KUMM(2010) 677 finali}
{SEG(2010) 1395 finali}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument ta' akkumpanjament għall-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Prijoritajiet għall-infrastruttura tal-enerġija għall-2020 u lil hinn - Pjan għal netwerk Ewropew tal-enerġija integrata

Sommarju tal-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

1. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-**Politika tal-UE dwar l-Enerġija**[1] u l-leġiżlazzjoni ta' implementazzjoni tagħha stabilixxew miri ambizzjużi u miżuri vinkolanti għall-2020 fuq l-emissjonijiet ta' gas serra[2] (-20 %), l-enerġija minn sorsi rinnovabbli[3] (20 % tal-konsum finali tal-enerġija) u l-effiċjenza tal-enerġetika (20 %). Huma meħtieġa netwerks tal-enerġija adegwati u affidabbli sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet kollha. Fl-istess ħin, in-netwerks tal-Ewropa qed jeqdiemu u għandhom bżonn urġenti ta' rinnovament u modernizzazzjoni. L-UE mkabbra wirtet konnessjonijiet batuti bejn il-Lvant u l-Punent u bejn in-Nofsinhar u t-Tramuntana, peress li l-punt fokali kien fuq is-swieq nazzjonali, u l-interkonnessjonijiet kienu qed iservu biss għal sigurtà limitata għal skop ta' provvista mingħajr ma jitqiesu l-possibiltajiet ta' bbilanċjar u kummerċ f'suq tassew intern tal-enerġija jew is-sigurtà meħtieġa tal-provvisti minn perspettiva Ewropea. Dan ikompli jxekkel il-moviment liberu tal-enerġija madwar l-UE u jagħmel ċerti reġjuni aktar vulnerabbli għal taqlib fil-provvista. Il-politika TEN-E (Netwerk Trans-Ewropew tal-Enerġija) ġiet żviluppata u ffurmata fis-snin disgħin permezz tal-linji gwida suċċessivi tat-TEN-E u r-Regolament ta' finanzjament korrispondenti[4] L-għanijiet tal-politika TEN-E huma biex (1) jappoġġjaw it-tlestija tas-suq intern tal-UE tal-enerġija, (2) jitnaqqsu l-iżolamenti ta' reġjuni żvantaġġati u ta' reġjuni gżejjer, (3) jiżguraw u jiddiversifikaw il-provvista tal-enerġija tal-UE wkoll permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi

---

1 COM (2007) 1 endorsjat mill-Kunsill fil-15 ta' Frar 2007 (C/07/24)

2 Id-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju [negozjar] ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, Deċiżjoni Nru 406/2009/KE dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020

3 Id-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

4 Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE li tistabilixxi linji gwida għal networks tal-enerġija trans-Ewropej u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 96/391/KE u d-Deċiżjoni Nru 1229/2003/KE; Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 li jistabilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija

terzi, (4) jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u l-protezzjoni tal-ambjent (li jinkludu użu akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u t-tnaqqis ta' riskji ambjentali assoċċjati mat-trasport tal-enerġija). Jinkludi netwerks tat-trażmissjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-olefin. Filwaqt li l-għanijiet oriġinali għadhom l-biċċa l-kbira xorta validi, mhumiex effikaċi biżżejjed fit-twassil tal-infrastruttura suffiċjenti meħtieġa biex tinkiseb il-politika ambizzjuża tal-UE dwar l-enerġija u l-miri klimatiċi.

L-ostakoli għall-iżvilupp adegwat tal-infrastruttura jistgħu jiġu ddettaljati kif ġej:

1)-Inċertezzi kbar dwar teknoloġiji futuri f'termini ta' disponibilità, riskji possibbli u kompetittività fil-kost, standards (speċjalment għall-enerġija rinnovabbli u t-teknoliġiji tal-grilji, iżda ukoll għas-CCS (ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju)), taħlita enerġetika u distribuzzjoni ġeografika tal-impjanti futuri (elettriċi), u sorsi ġodda (gass mhux konvenzjonali, gass ekoloġiku, LNG/CNG (gass naturali likwifikat/gass naturali kompressat), infrastruttura ġdida ta' importazzjoni u żvilupp upstream f'pajjiżi terzi) jistgħu jwasslu għal soluzzjonijiet tas-suq mhux l-aħjar possibbli (mil-lat tal-UE).

2)-Suq intern imperfett: hemm kompetizzjoni dgħajfa jew ineżistenti f'uħud mill-Istati Membri fejn is-swieq nazzjonali għadhom iddominati minn operaturi diġà stabiliti. In-nuqqas ta' żvilupp fis-suq ma jħallix lit-TSOs (operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni) ikollhom kuntratti b'kapaċità kostanti suffiċjenti biex jinvestu f'interkonnettur bejn iż-żewġt iswieq. Fl-istess ħin, is-suq probabbli ma jkunx kapaċi jiżviluppa sakemm ma jkunx hemm interkonnettur.

3)-Regolazzjoni tat-tariffi u ffinanzjar: It-trażmissjoni hi negozju rregolat u l-allokazzjoni tal-ispejjeż għall-benefiċjarji finali hi diffiċli jew impossibli għal infrastruttura kbira trans-Ewropea. Sabiex it-tariffi tat-trażmissjoni jinżammu kemm jista' jkun baxxi, f'ħafna Stati Membri r-regolazzjoni tat-tariffi kienet ibbażata fuq il-prinċipju ta' kosteffiċjenza, iħalli l-irkupru tal-kostijiet biss għal proġetti bbażati fuq bżonnijiet reali tas-suq jew l-irħas soluzzjonijiet disponibbli. Partikolarment hemm tliet tipi ta' proġetti, li r-realizzazzjoni tagħhom tista' tiġi ostakolata b'dan l-approċċ:

(a) <u>Proġetti b'benefiċċju reġjonali ogħla minn dak nazzjonali:</u> Aktar mal-benefiċċju ta' proġett reġjonali jew tal-UE jkun ogħli, jiġifieri aktar ma jkun hemm Stati Membri involuti, huwa probabbli li jkun aktar kumpless (kwistjonijiet transkonfinali, reġimi regolatorji u proċeduri ta' permess eċċ.) u b'hekk l-allokazzjoni ġusta tal-ispejjeż lill-benefiċjarji finali issir aktar diffiċli.

(b) <u>Proġetti li jużaw teknoloġiji innovattivi</u> (eż. DC VSC sistema teknoloġika ta' distribuzzjoni fil-baħar, ħażna, applikazzjonijiet ta' grilji intelliġenti; qbid ta' diossidu tal-karbonju u ħażna) normalment jinvolvu riskji ogħla, bħal każ ta' esperjenzi ta' negozju fuq skala industrijali huma rari jew ineżistenti. Dan ir-riskju ta' spiss ma jkunx rifless fir-rata rregolata ta' redditu.

(c) <u>Infrastrutturi bl-għan li ttejjeb is-sigurtà tal-provvista</u> ta' spiss ma jkunux ġustifikati bid-domanda tas-suq u bil-volumi ttrasportati, għax jistgħu jintużaw biss f'każ ta' interruzzjonijiet fil-provvista (probabbiltà żgħira / avvenimenti b'impatt kbir), iżda mhux taħt kundizzjonijiet normali ta' suq. F'ħafna Stati Membri, ma hemmx soluzzjoni regolatorja fuq kif tirkupra l-ispejjeż ta' dawn l-investimenti.

Fl-aħħar nett, bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja, u l-evoluzzjoni kurrenti mgħaġġla ta' regoli fis-settur finanzjarju, mill-2008 l-aċċess għall-kapitali sar iktar diffiċli.

4)-Issir possibbli l-aċċettazzjoni u l-aċċettazzjoni soċjali: Proċeduri ta' permess twal u inċerti kienu indikati mill-industrija bħala waħda mir-raġuni prinċipali għad-dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali. F'diversi Stati Membri, l-opinjoni pubblika progressivament qed ixxaqleb kontra proġetti ġodda b'mod partikolari l-linji tal-elettriku fil-għoli, li jkomplu joħolqu dewmien fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni diġà inapproprjati. B'hekk, ċertu proġetti jistgħu jieħdu sa 20 sena biex jitlestew.

5)-Infrastrutturi esterni għall-UE. Għall-infrastrutturi tal-enerġija barra l-UE li ser ikunu meħtieġa li jilħqu l-bżonn dejjem akbar tal-UE għal gas impurtat jew biex jiġi impurtat "elettriku ekoloġiku", hemm riskji politiċi addizzjonali. Barra l-bżonn li jkun hemm rabta politika ma' pajjiżi terzi biex jiġi identifikat u żgurat benefiċċju reċiproku mill-infrastrutturi l-ġodda tal-enerġija, riskji jistgħu jvarjaw minn qafas ta' investiment mhux attraenti jew trasparenti fil-pajjiżi terzi permezz tar-riskju ta' tibdil fl-ambjent fiskali/tat-taxxa jew legali ladarba l-investiment ikun seħħ.

6)-Inadegwatezza tal-qafas kurrenti TEN-E

Hemm ċertu żoni ġeografiċi fl-Ewropa fejn uħud minn dawn l-ostakoli jingħaqdu, li jirriżultaw b'mod partikolari f'nuqqas ta' progress infrastrutturali. Dawn iż-żoni huma b'mod partikolari r-Reġjun Baltiku, is-sistema ta' distribuzzjoni fil-baħar fl-Ibħra tat-Tramuntana, l-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa tan-Nofsinhar u l-Mediterran, l-iżvilupp tal-Kuritur tan-Nofsinhar għall-gass u ż-żejt, interkonnettività u diversifikazzjoni aħjar fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (elettriku, gass u żejt), u li jikkonċerna l-Ewropa kollha id-disinn u l-iżvilupp ta' netwerk għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju madwar l-UE u l-implimentazzjoni u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji tal-grilji intelliġenti.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

L-infrastruttura ta' trażmissjoni tal-enerġija (li tinkludi sistema interkonnessa ta' distribuzzjoni fil-baħar) għandha impatti Trans-Ewropej, regjonali jew tal-inqas fuq in-natura ta' bejn il-fruntieri. Amministrazzjonijiet nazzjonali individwali u regolamentazzjoni fuq livell ta' Stat Membru mhumiex adegwati jew ma għandhom l-ebda kompetenza biex ikollhom x'jaqsmu ma' dawk l-infrastrutturi b'mod ġenerali. Skont l-**Artikolu 194** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija għandha timmira biex: (a) tiżgura l-funzjonament tas-suq tal-enerġija; (b) tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-energija fl-Unjoni; (c) tippromwovi l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar fl-użu enerġetiku kif ukoll l-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda u rinnovabbli; u (d) tippromovi l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-enerġija. L-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jgħid "l-Unjoni għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabiliti u jiġu żviluppati netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija". L-Artikolu 171 jistabilixxi l-obbligu li "l-Unjoni għandha tistabilixxi sensiela ta' linji ġwida dwar il-miri, prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri kontemplati fl-isfera tan-netwerks trans-Ewropej; dawn il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni".

3. L-GĦANIJIET TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

L-għan ġenerali hu biex jiġi żgurat ¿vilupp infrastrutturali bi¿¿ejjed u f'waqtu madwar l-Ewropa u lil hinn minnha sabiex jiġi żviluppat suq intern tal-enerġija, tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u jintlaħqu l-miri tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.

Sabiex jiġi sostnut l-iżvilupp infrastrutturali, għandhom jiġu indirizzati l-ostakoli prinċipali tiegħu. Il-Kommunikazzjoni ppjanata fuq prijoritajiet infrastrutturali għalhekk għandha l-għanijiet li tipproponi prijoritajiet ċari u ttejjeb l-attenzjoni tal-azzjoni tal-UE għall-infrastrutturi kollha tal-enerġija relevanti, issaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni reġjonali, tenfasizza d-diffikultajiet marbuta ma' proċeduri ta' permess u tibni aċċettazzjoni pubblika biex tgħin tnaqqas l-inċertezzi fl-ippjannar u l-permessibilità. Prijoritajiet infrastrutturali ċari se jipprovdu wkoll messaġġ politiku lejn il-pajjiżi terzi.

4. ALTERNATTIVI TA' POLITIKA

Sabiex issir analiżi aħjar tas-soluzzjonijiet għal għażla vasta ta' ostakoli identifikati, l-analiżi kienet maqsuma f'oqsma ta' politika b'għażliet separati għal kull żona. L-għażliet ġew evalwati skont il-kriterji ta' effettività, sussidjarjetà u proporzjonalità. Il-kriterju prinċipali għall-effettività hu kemm investiment infrastrutturali aktarx iwasslu l-għażliet uniċi. L-għażliet kollha mniżżla huma koerenti mal-għanijiet, l-istrateġiji u l-prijoritajiet kumplessivi tal-UE. Il-kombinazzjoni ta' għażliet ippreferuti minn kull qasam ta' politika jikkonstitwixxu l-għażla politika ppreferuta.

Qasam ta' politika A: L-iskop tal-istrument ta' politika
Alternattiva 1: Andament normali (elettriku u gass)
Alternattiva 2: Elettriku u gass estiżi
Alternattiva 3: Elettriku u gass estiżi, bl-inklużjoni ta' netwerks tad-diossidu tal-karbonju u pajpijiet taż-żejt
Qasam ta' politika B: Disinn ta' strument ta' politika
Alternattiva 1: Andament normali (listi ta' proġetti bħal-lum)
Alternattiva 2: Lista aġġornata ta' proġetti
Alternattiva 3: Numru limitat ta' proġetti prijoritarji/kurituri reġjonali u kriterji intelligenti ta' selezzjoni
Qasam ta' politika C: Koordinazzjoni
Alternattiva 1: Andament normali (approċċ nazzjonali, koordinaturi tal-UE), strutturi reġjonali volontarji
Alternattiva 2: Koordinaturi tal-UE u strutturi reġjonali obbligatorji jew prijorità tematika
Alternattiva 3: TSO tal-UE (twarrbet, ara l-ispjegazzjoni hawn taħt)
Qasam ta' politika D: Permessi
Alternattiva 1: Andament normali (kompetenza nazzjonali), skambju tal-aħjar prattiki
Alternattiva 2: Inklużjoni ta' proġetti ta' interess Ewropew fi prijoritajiet nazzjonali u applikazzjoni tal-proċedura nazzjonali l-aktar mgħaġġla (fejn teżisti)
Alternattiva 3: Approvazzjonijiet nazzjonali ta' punt ta' wafqa waħda b'limiti ta' ħin razzjonalizzati (5 snin)
Alternattiva 4: Skema ġdida armonizzata ta' permess fuq livell tal-UE (twarrbet, ara l-ispjegazzjoni hawn taħt)

L-alternattivi C3 TSO tal-UE u D4 skema armonizzata ta' permess fuq livell tal-UE ġew eskluži minn aktar analiżi għax ma jirrispettawx il-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjità.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

Ix-xenarju bażi (l-alternattiva andament normali minn kull qasam ta' politika) aktarx jirriżulta li qed isir bi żvilupp infrastrutturali insuffiċjenti. L-agħar impatti soċjali u ekonomiċi jiġu minn infrastruttura insuffiċjenti bħall-qtugħ totali tal-elettriku, l-interruzzjonijiet fil-provvista tal-gass u n-nuqqas ta' enerġija li jikkawżaw żieda fil-prezzijiet. Rigward it-trasportazzjoni tad-diossidu tal-karbonju, ix-xenarju BAU (żamma tal-istatus quo) jippreveni kull investiment sinifikanti f'netwerks u jagħti bidu għal żvilupp frammentarju (fuq livell ta' proġett jew nazzjonali) b'riskju għoli ta' telfien ta' impjiegi jew konġestjoni fil-volum tal-fluss (l-istess għall-grilji tal-elettriku u tal-gass) u integrazzjoni limitata tas-suq b'riskju ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija matul iż-żmien.

L-impatt ambjentali prinċipali tan-nuqqas ta' infrastruttura jista' jkun il-fatt li ma jintlaħqux il-miri tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u għalhekk ikun hemm emissjonijiet akbar ta' gassijiet serra. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni jistgħu jikkawżaw impatti ambjentali temporanji, madanakollu, huma limitati permezz tar-rispett lejn il-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti. Interruzzjonijiet fil-provvista ta' żejt lejn l-Ewropa tal-Lvant ta' aktar minn 90 ġurnata, jinvolvu impatti ambjentali ogħla f'termini ta' żieda fit-traffiku ta' tankers f'żoni ambjentali sensibbli bħala trasport alternattiv għal-linji tal-pajpijiet.

Qasam ta' politika A: Disinn ta' strument ta' politika

Impatti pożittivi kbar huma mistennija fuq livell ekonomiku u soċjali mill-estensjoni tal-iskop ta' strument ta' politika sa setturi ġodda fl-elettriku (netwerks intelliġenti tal-enerġija li jinkludu l-ħażna) u fil-gass (CNG), iżda ukoll sa trasportazzjoni tad-diossidu tal-karbonju, u t-tkattir ta' aktar innovazzjoni f'dawn l-oqsma. L-estensjoni għaż-żejt tipprovdi wkoll impatti ambjentali pożittivi, billi tiżgura rotot iddiversifikati ta' provvisti ta' żejt lill-UE tal-Lvant biex jitnaqqsu r-riskji ambjentali relatati maż-żieda ta' traffiku tat-tankers fil-Baħar Baltiku u fil-Bosporus. L-alternattiva ppreferuta hi għalhekk dik li tinkludi dawn is-setturi l-ġodda kollha fl-iskop tal-istrument ta' politika (l-alternattiva A3).

Qasam ta' politika B: Disinn ta' strument ta' politika

Imqabbla mal-BAU b'lista riġida u fissa ta' proġetti ddefiniti fl-2006, l-aġġornament ta' din il-lista (l-alternattiva B2) ibbażata fuq skop estiż (l-alternattiva A3) tħalli li jiġu kkunsidrati prijoritajiet ġodda jew mibdula f'termini ta' żvilupp infrastrutturali. Din l-attenzjoni akbar mtejba jkollha impatt ġenerali pożittiv, iżda żżomm ir-riġidità tal-lista ta' proġetti, li jista' jkun ikollha bżonn adattament fil-futur sal-2020 u lil hinn.

B'kuntrast, riforma kompleta tal-approċċ kurrenti (l-alternattiva B3), b'numru limitat ħafna ta' prijoritajiet vasti ta' interess Ewropew, l-ebda lista *ex ante* ta' proġetti prijoritarji u kriterji ta' selezzjoni intelliġenti u trasparenti minflok il-kategorizzazzjoni kurrenti ta' proġetti fuq tliet livelli, ma jwasslu għal impatti pożittivi akbar ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Fil-fatt, din l-alternattiva tħalli l-attenzjoni kollha fuq dawk il-prijoritajiet, li huma ta' interess kbir Ewropew u li għalihom l-intervent tal-UE jkun l-aktar ta' benefiċċju, jew f'żoni b'innovazzjoni qawwija u impatti pożittivi ambjentali għolja bħall-integrazzjoni rinnovabbli fil-grilja, il-Grilji Intelliġenti, il-ħażna jew it-trasport tad-diossidu tal-karbonju. B'mod aktar ġenerali, dan l-approċċ ibbażat fuq prijoritajiet Ewropej jiġbed l-attenzjoni fuq effetti ekonimiċi u ambjentali transfruntieri u reġjonali, filwaqt li l-altenattiva B2 tkun influwenzata aktar minn effetti nazzjonali jew anke fuq livell lokali. L-istabilizzazzjoni ta' kriterji ta' selezzjoni intelliġenti u trasparenti tnaqqas l-effetti possibbli ta' tgħawwiġ fis-suq intern, billi jitfasslu regoli li jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni u mar-regolament kurrenti. Tippermetti wkoll evoluzzjoni matul iż-żmien tal-għajnuna konkreta li tingħata lill-proġetti, il-perfezzjonament tal-użu tal-istrument ta' politika anke fit-tul. Għalhekk, titqies bħala l-alternattiva ppreferuta.

Qasam ta' politika C: Koordinazzjoni

L-alternattiva C2 bi strutturi reġjonali obbligatorji u, fejn ikun hemm bżonn, b'koordinaturi tal-UE, ikollha impatti pożittivi sinifikanti f'termini ta' żvilupp tal-infrastruttura u għalhekk hi meqjusa bħala l-alternattiva ppreferuta meta mqabbla mal-BAU. Dawn l-istrutturi reġjonali jkunu partikolarment pożittivi għal proġetti b'delimitazzjoni reġjonali ċara bħas-sistema ta' distribuzzjoni fil-baħar fl-Ewropa tat-Tramuntana jew l-iżvilupp ta' kuritur tal-gass fl-Ewropa tax-Xlokk. Dawn jikkontribwixxu pożittivament ukoll għall-integrazzjoni tas-suq u għall-funzjonament aħjar tas-swieq reġjonali. L-użu ta' strutturi reġjonali eżistenti (bħall-Inizzjattivi Reġjonali rriveduti) inaqqsu l-impatti f'terminu ta' piż amministrattiv.

Qasam ta' politika D: Permessi

Iż-żewġ alternattivi D2 u D3 jintroduċu aktar effiċjenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni billi jiċċaraw regoli u metodi jew rikors eżistenti, jipperfezzjonaw in-numru ta' passi li jkun hemm bżonn biex tittieħed deċiżjoni partikolari u jitnaqqas kemm jista' jkun id-dewmien għal kull waħda minn dawn il-passi. L-alternattiva D2 tippermetti trattament mgħaġġel għal proġetti prijoritarji Ewropej f'dawk il-pajjiżi fejn il-prijoritajiet ġew definiti jew fejn jeżistu proċeduri rapidi. Hu kkunsidrat li dan jippermetti t-titjib b'mod sinifikanti fil-konsenja tal-infrastruttura speċjalment fis-settur tal-elettriku, u għalhekk jiżdied l-investiment fl-infrastruttura matul il-perjodu 2010-2020.

L-approċċ ta' punt ta' wafqa waħda (l-alternattiva D3) jiffaċilita aktar proċeduri amministrattivi u, flimkien ma' perjodu stabilit, jgħaġġel il-permessi u jżid il-konsenja tal-proġetti meta mqabbel mal-bżonnijiet ta' investiment.

Analiżi aktar fil-fond ta' firxa wiesgħa ta' alternattivi għall-qasam ta' politika tal-permessi għandha ssir f'valutazzjoni tal-impatt separata (ippjanata għall-2011) sabiex tivvaluta aħjar il-konformità mas-sistemi legali nazzjonali, l-effettività tagħhom u biex tagħmel stima ta' kemm l-alternattivi jnaqqsu il-piżijiet amministrattivi.

6. TQABBIL TAL-ALTERNATTIVI

L-impatti ta' kull alternattiva ta' politika miżmuma ġew ivvalutati f'termini tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

It-taħlita ta' alternattivi bl-akbar impatti pożittivi jkunu A3, B3, C2 u D3, filwaqt li jiġi nnutat li l-qasam politiku tal-permessi xorta waħda jrid ikun analizzat fil-fond. Din il-politika ġdida stabilita tgħolli b'mod sinifikanti l-effettività fil-konsenja tal-infrastruttura u tinvolvi impatti pożittivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Madanakollu, għandu jiġi nnutat li anke din il-politika stabilita hi preżunta twassal EUR 62.5 bn inqas mill-investiment stimat li jkun hemm bżonn ta EUR 215.5 bn. Fil-fatt, is-sempliċi tkabbir tal-ambitu, kif ukoll ir-riformi proposti fuq id-disinn ta' strument ta' politika, strutturi ta' kooperazzjoni reġjonali u ta' permess, mhux se, *ceteris paribus*, inaqqsu d-diskrepanza enormi fl-investiment li fadal u mhux se jagħmlu dawk il-proġetti bankabbli, li mhumiex kummerċjalment vijabbli taħt is-suq BAU, kundizzjonijiet ta' tariffi li huma mmirati nazzjonalment u regolatorji. Wieħed għandu jistenna impatti pożittivi sinifikanti u aktar għolja taħt politika stabilita bl-użu ta' finanzjamenti pubbliċi jew miżuri regolatorji ddedikati biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-proġetti kollha ta' interess Ewropew, inklużi dawk, li – bħalissa – mhumiex kummerċjalment vijabbli. Il-Kummissjoni għandha pjanijiet biex tressaq fl-2011, proposta jew linji gwida biex jindirizzaw l-allokazzjoni tal-kost ta' proġetti teknoloġikament kumplessi ħafna jew transfruntieri, permezz ta' regoli ta' tariffi u ta' investiment. Fejn ikun hemm bżonn ta' rata ta'

redditu ogħla biex jintlaħqu r-riskji tal-proġett u b'hekk jagħmluhom bankabbli, jista' jiġi maħsub ukoll approċċ regolatorju. Finanzjamenti pubbliċi jistgħu jiġu kkunsidrati għal dawk l-oqsma, fejn ifallu l-miżuri msemmija hawn fuq. Madankollu, dan għandu bżonn ta' aktar analiżi ddettaljata, li se tkun inkluża fil-Valutazzjoni tal-Impatt li għandha tkun ippreparata għall-proposta legali ppjanata fl-2011.

7. SORVELJANZA U EVALWAZZJONI

Għas-sorveljanza u l-evalwazzjoni ġie propost li, bħal fl-imgħoddi, il-Kummissjoni se tivvaluta l-evoluzzjoni permezz ta' rapport ta' implimentazzjoni fuq bażi bi-annwali, li jinkludi indikaturi speċifiċi, bħan-numru ta' proġetti mibnija jew taħt kostruzzjoni, id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tal-gass, il-proporzjon tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli, il-livelli ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, is-sehem tal-grilja tal-elettriku armata b'teknoloġiji intelligenti u t-tul medju ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal proġetti ta' Interess Ewropew.